MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2003

Il-Pulizija
(Sp Carlo Ellul)
vs
Stephen Schembri, iben Alfred,
imwieled Pieta' fit-28 ta' ġunju, 1980
u
Darren Borg, iben Emanuel,
imwieled Pieta' fis-16 ta'
novembru, 1983
u
Alfred Cutajar, iben Alfred,
imwieled Pieta' fil-11 ta' frar, 1979
u
Mario Cutajar, iben Alfred, imwieled Pieta' fil-25 ta' mejju, 1970

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra **Stephen Schembri** u **Darren Borg** –

talli fit-12 ta' awissu, 2001, għal ħabta tas-1.30 a.m. fil-Ħamrun, mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar, ikkaġunaw ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mario Cutajar;
Rat l-akkużi kontra **Alfred Cutajar** u **Mario Cutajar –**
talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ikkaġunaw ġrieħi ta' natura ħafifa fuq
il-persuna ta' Stephen Schembri.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex minbarra li tapplika l-piena skond il-ħtija tapplika wkoll
l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.
Lil **Stephen Schembri** –
talli rrenda ruħu reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-13 ta' april, 1999 u fil-15 ta' ġunju, 1999 liema sentenzi ma jistgħux jiġu mibdula u aktar talli kiser il-provvedimenti tal-artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta mogħti lilu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-12 ta' marzu, 2001 fejn kien instab ħati ta' reat u liberat bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn minn dik id-data.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tas-17 ta' mejju, 2002 fejn ta
l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' lulju, 2003 fejn l-imputati ammettew l-akkużi kollha miġjuba kontra tagħhom, kif ukoll ħafru lil xulxin ta' dan l-inċident.

Semgħet lill-avukati ta' l-imputati u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkużi kollha migħjuba kontra tagħhom.  Fil-konfront ta' Stephen Schembri.  Rat l-artikoli 49, 50 u 216 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.  Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta'

Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin
mil-lum.
Fil-konfront ta’ Darren Borg. Rat l-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.
Fil-konfront ta’ Alfred Cutajar. Rat l-artikolu 221 tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.
Fil-konfront ta’ Mario Cutajar. Rat l-artikolu 221 tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.
Fiċ-ċirkostanzi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------